# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 751/2022/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Ivan Cassar**
**Rene' Antonelli**

Illum 24 ta' April 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellati **Ivan Cassar**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 196280(M), u **Rene' Antonelli**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 186884(M), akkużati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli nhar is-26 ta' Ottubru 2022, għall-ħabta ta' bejn id-21:00hrs u 22:00hrs ġewwa Triq Ħal-Qormi, Marsa u ġewwa dawn il-Gżejjer:

1. bħala uffiċjali jew impjegati pubbliċi li kienu qegħdin jaġixxu fil-kapaċita' uffiċjali, xjentement infliġġew fuq Anoob George

Thomas uġiegħ jew tbatija gravi, sew fiżika, sew mentali sabiex jikkastigaw lil Anoob George Thomas għal xi att li hu wettaq jew issuspettaw li hu wettaq u dan bi ksur ta' Artikolu 139A(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. bħala uffiċjali pubbliċi jew impjegati pubbliċi dolożament bi ksur ta' dmirijiet tagħhom, għamlu jew naqsu li jagħmlu xi att bi ħsara għal Anoob George Thomas u dan bi ksur ta' Artikolu 138 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. bla ordni skont il-liġi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arrestaw, żammew jew issekwestraw lil Anoob George Thomas kontra l-volonta' tiegħu u dan bi ksur ta' Artikolu 86 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. bħala persuni li arrestaw lil Anoob George Thomas, naqsu mingħajr ebda dewmien jgħarrfu lill-Pulizija bl-arrest li għamlu u dan bi ksur ta' Artikolu 355W(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. fuq Anoob George Thomas ikkaġunawlu ġrieħi ta' natura ħafifa, hekk kif iċċertifikat mit-tabib Dr. Mark DeBrincat (MED 4710) mill-Floriana Health Centre u dan bi ksur ta' Artikoli 214, 215 u 221 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. ħebbew għal Anoob George Thomas sabiex jinġurjawh, idejquh, jew jagħmlulu l-ħsara u dan bi ksur ta' Artikolu 339(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

7. għamlu nġurji jew theddid jew provokazzjoni b'mod li ħarġu mil-limiti tal-provokazzjoni fil-konfront ta' Anoob George Thomas u dan bi ksur ta' Artikolu 339(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

8. volontarjament kisru l-bon-ordni jew il-kwiet pubbliku u dan bi ksur ta' Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

9. volontarjament kisru l-mistrieħ ta' matul il-lejl u dan bi ksur ta' Artikolu 338(m) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

10. eċċedew il-limiti tal-veloċita' preskritt skont il-liġi u dan bi ksur ta' Regolament 127(1) tal-Leġislazzjoni Sussudjarja 65.11 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex titratta l-imputati bħala uffiċjali jew impjegati pubbliċi, liema uffiċjali kellhom id-dmir jissorveljaw biex dawn ir-reati ma jsirux u minħabba l-kariga tagħhom huma kellhom d-dmir li jimpedixxu *ai termini* ta' Artikolu 141 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex, minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita mil-liġi, tissospendi l-liċenzja tas-sewqan tal-imputati għal perjodu li jidhrilha xieraq.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex, minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita mil-liġi, jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi għas-sigurta' ta' Anoob George Thomas u/jew individwi oħra biex tinżamm l-ordni pubblika, jew għal skop ta' protezzjoni tagħhom minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġuna biża ta' vjolenza u dan skont Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Finalment, il-Qorti ġiet mitluba li minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita mil-liġi, jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi għas-sigurta' ta' Anoob George Thomas billi tagħmel Ordni ta' Trażżin fil-konfront ta' l-imputati u dan skont Artikoli 382A *et seq.* tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-12 ta' Frar 2025, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 15A, 17, 31, 86, 87(1)(ċ), 88, 138, 139, 139A(b), 141, 214, 215, 221, 338(m)(dd), 339(1)(d)(e), 355W(2), 382A, 383, 384, 385, 386, 412C, 412D, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, Artikoli 54 u 55 tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll Regolament 127(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li astjeniet milli tieħu konjizzjoni tal-

għaxar (10) u tat-tnax (12) il-imputazzjoni, illiberat lill-imputati mill-ħames (5), mis-sitt (6) u mis-seba′ (7) imputazzjoni, u sabithom ħatja ta′ l-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-tielet (3), tar-raba′ (4), tat-tmien (8) u tad-disa′ (9) imputazzjoni u, wara li rat Artikoli 11, 12, 13 u 14 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta′ Malta, poġġiet lill-imputati taħt Ordni ta′ Servizz fil-Komunita′ bil-kundizzjoni li jagħmlu xogħol bla ħlas għal mitejn (200) siegħa kull wieħed f′dak il-post u b′dawk l-arranġamenti li jsiru mid-Direttur tas-Servizzi tal-*Probation* u *Parole* u bil-kundizzjonijiet kollha l-oħra msemmija fid-digriet mogħti kontestwalment mas-sentenza.

B′applikazzjoni ta′ Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta′ Malta, il-Qorti għamlet Ordni ta′ Trażżin fil-konfront tal-imputati a favur ta′ Anoob George Thomas għall-perjodu ta′ tliet (3) snin li kellu jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza u dan bil-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti kontestwalment mas-sentenza.

B′applikazzjoni ta′ Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta′ Malta, il-Qorti kkundannat lill-imputati *in solidum* iħallsu lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali s-somma komplessiva ta′ tliet mija, tmienja u sittin Euro u tnejn u għoxrin ċenteżmi (€368.22) rappreżentanti spejjeż li għandhom x′jaqsmu mal-ħatra ta′ esperti fil-proċeduri.

A tenur ta′ Artikolu 11(4) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta′ Malta, il-Qorti spjegat lill-imputati bi kliem ċar u li jinftiehem l-effetti tal-Ordni ta′ Servizz fil-Komunita′ kif ukoll tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet mogħti kontestwalment mas-sentenza u li f′każ li jonqsu milli jikkonformaw ruħhom, jew min minnhom, ma′ dawk l-ordnijiet u dawk il-kundizzjonijiet u/jew f′każ li jagħmlu reat ieħor huma jistgħu jingħataw sentenza għar-reati li tagħhom instabu ħatja bis-sentenza.

Finalment, *ai termini* ta′ Artikolu 11(5) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta′ Malta, il-Qorti ordnat li kopja tas-sentenza u tal-Ordni ta′ Servizz fil-Komunita′ bid-digriet mogħti mas-sentenza kellhom jiġu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta′ *Probation* u

*Parole,* lill-Uffiċjal Sorveljanti assenjat lill-imputati kif ukoll lill-awtoritajiet responsabbli mis-sorveljanza tat-twettieq tal-Ordni imsemmi.

Rat ir-Rikors tal-appellant Avukat Ġenerali ppreżentat fis-7 ta' Marzu 2025 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata billi:*

*(i) tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lil Ivan Cassar u Rene' Antonelli ħatja tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba', it-tmien u d-disa' imputazzjonijiet; illiberathom mill-ħames, s-sitt u s-seba' imputazzjonijiet, astjeniet mill-għaxar u mit-tnax-il imputazzjoni; bl-applikazzjoni tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għamlet Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-appellati a favur ta' Anoob George Thomas għall-perjodu ta' tliet snin li issa għandu jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti; u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ikkundannat lil Ivan Cassar u Rene' Antonelli in solidum iħallsu lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali s-somma komplessiva ta' tliet mija tmienja u sittin Ewro u tnejn u għoxrin ċenteżmi (EUR 368.22) rappreżentanti spejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti f'dawn il-proċeduri; u*

*(ii) tħassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn poġġiet lill-istess Ivan Cassar u Rene' Antonelli taħt Ordni ta' Servizz fil-Komunita' bil-kondizzjoni li jagħmlu xogħol bla ħlas għal mitejn (200) siegħa kull wieħed, u minflok tinfliġġi piena adegwata u skont il-liġi."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellati eżebiti mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fit-12 ta' Frar 2025.

Illi dan il-każ beda meta fl-14 ta' Novembru 2022 il-Pulizija rċevew *email* minn pjattaforma ġurnalistika *online* b'*video* li juri żewġ uffiċjali ta' Transport Malta jagredixxu persuna li kienet mixħuta mal-art. Minn naħa tagħhom l-appellati spjegaw li huma kienu neżlin minn niżla tas-Saqqajja meta f'ħin minnhom għaddiet vettura b'veloċita' eċċessiva. L-appellat Cassar jgħid li kellu jiġbed il-mutur lejn ix-xellug sabiex il-vettura ma tmurx fuqu. Ikompli li din il-vettura daħlet fuq il-karreġġjata opposta u għal ftit ma ħabtitx f'vettura li kienet ġejja. Ikompli li xegħlu d-dwal u saqu għal wara l-vettura in kwistjoni fejn din baqgħet tinstaq b'veloċita' eċċessiva. Kompla jispjega li l-insegwiment baqa' sejjer sakemm il-*parte civile* Anoob George Thomas saq għal Qormi Road fejn ħareġ mill-vettura b'xi ħaġa f'idu. Jgħid li huwa kien waħdu ma' din il-persuna u ma riedx li dana jidħol ġewwa għalhekk beda jordnalu jinżel ma' l-art u għalkemm niżel ma' l-art dana beda jipprova jqum u f'xi mumenti kellu juża ċertu reżistenza sabiex dan il-persuna ma jqumx minn ma' l-art u ma jidħolx ġewwa għax beda jibża' li s-sitwazzjoni tmur għall-agħar. L-appellat l-ieħor jikkonferma xi ftit jew wisq din il-verżjoni wkoll.

**Ikkunsidrat**

Illi permezz tal-aggravju ewlieni tiegħu l-appellant Avukat Ġenerali jilmenta dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tal-appellati allura imputati. B'mod partikolari l-Avukat Ġenerali jilmenta li meta l-Ewwel Qorti erogat piena ta' xogħol fil-komunita' hija ma segwietx il-proċedura stabbilita fil-liġi u għalhekk skont hu ma setgħetx teroga tali piena. L-Avukat Ġenerali jispjega li l-Ewwel Qorti kellha jew tordna li jiġi ppreparat rapport qabel is-sentenza jew jekk il-Qorti tneħħi l-ħtieġa ta' rapport ta' qabel is-sentenza tordna li jsir rapport verbali.

Illi l-appellant Avukat Ġenerali jispjega li huwa konsapevoli li f'dan il-każ l-ewwel (1) imputazzjoni biss iġorr magħha minimu ta' ħames snin priġunerija u li għalhekk il-Qorti hija prekluża milli tagħti sentenza ta' priġunerija sospiża *ai termini* ta' Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta b'dan illi jisħaq li jekk din il-Qorti tqies li piena ta' priġunerija effettiva mhijiex idonea għal dan il-każ, huwa jirrileva li sempliċi ordni ta' servizz fil-komunita' ta' mitejn (200) siegħa bla ħlas kull wieħed fuq l-appellati mhijiex idonea lanqas. Jagħlaq billi jissottometti li l-piena imposta mill-Ewwel Qorti f'dan il-każ ma ġietx imposta skont kif tirrikjedi l-liġi u mhijiex idonea għaċ-ċirkostanzi tal-każ.

Illi din il-Qorti tibda billi tinnota li huwa stabbilit b'mod kopjuż fil-ġurisprudenza nostrana illi bħala regola qorti ta' revizjoni ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioè din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm-il darba ma jkunx jirriżulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*". Dan ingħad, fost l-oħrajn, fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fil-25 ta' Awwissu 2005 fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum et** (Numru 9/2004).

Illi f'dan l-istadju jkun opportun li din il-Qorti tagħmel riferenza għad-<u>Dibattiti Parlamentari</u> tal-Ħdax-il Parlament fejn f'Laqgħa Numru 37 miżmuma fil-25 ta' Mejju 2010 meta kienu qed jiġu diskussi l-emendi għall-Att dwar il-*Probation* (Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta) ingħad hekk:

> "Onor. Carmelo Mifsud Bonnici:
> Kif ukoll qegħdin nagħtu l-possibbiltà li jkun hemm ftit iktar flessibilità għal kif isir ir-rapport ta' qabel is-sentenza rigward jekk għandux jingħata *community service order.*
>
> [...]

> Nittamaw li din għandha sservi sabiex jiżdiedu l-*community service orders.* U sabiex fil-proċedura tal-qorti – li preżentement hija ultra kawta u ultra ta' ċertu diffikulta' – wieħed ikun jista' jara iktar ordnijiet għall-*community service order* isiru fis-sentenzi tagħna."

Illi għalhekk minn qari ta' dak ċitat hawn fuq jirriżulta li l-leġislatur ried jara aktar ordnijiet ta' xogħol fil-komunita' (ovvjament fejn dan kien f'loku). Magħdud ma' dan, din il-Qorti tirrimarka li Artikolu 11(3) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid hekk:

> "Il-qorti m'għandhiex tagħmel ordni ta' servizz fil-komunita' kemm-il darba dawn il-kondizzjonijiet li ġejjin ma jkunux ġew imħarsa:
>
> (a) il-qorti tkun sodisfatta, wara li tikkonsidra ċ-ċirkostanzi tal-ħati u r-rapport ta' qabel is-sentenza, li l-ħati jkun adatt li jagħmel xogħol taħt dik l-ordni:
>
> Iżda meta l-qorti tkun hekk sodisfatta, tista' wara li tikkunsidra ċ-ċirkostanzi tal-ħati, tneħħi l-ħtieġa ta' rapport ta' qabel is-sentenza bil-miktub u tordna illi jkun sottomess rapport verbali, u dak ir-rapport verbali għandu jkun debitament reġistrat fil-proċedimenti tal-qorti;
>
> [...]."

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li la sar rapport verbali u wisq anqas rapport bil-miktub. Minkejja dan mis-sentenza appellata jirriżulta li l-Ewwel Qorti kkunsidrat iċ-ċirkostanzi tal-appellati u kienet sodisfatta li piena ta' priġunerija ma kinitx idonea fil-każ. Fis-sentenza appellata ngħad hekk (*a fol.* 527 *et seq.*):

> "Illi dwar l-akkużi miġjuba kontra l-akkużati, il-Qorti tinnota li l-ewwel akkuża biss diġà ġġorr magħha minimu ta' ħames snin priġunerija u għalhekk il-Qorti

hija prekluża milli tagħti sentenza ta' priġunerija sospiża *ai termini* tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi l-pieni tar-reati l-oħra huma ta' portata inqas serja.

Illi l-Qorti, madanakollu, tifhem li l-akkużati kienu fi stat ta' paniku u aġitament meta raw lill-parti leża ssuq b'dak il-mod hekk veloċi u spavald. Illi fil-fehma tal-Qorti, l-iżball maġġuri tal-akkużati kien li meta ġew rinfaċċati b'dik is-sitwazzjoni aġitata, ma ħasbux b'moħħ ċar u razjonali iżda qabdu l-muturi u bdew isuqu wara l-*parte civile*. B'din id-deċiżjoni, huma mhux biss ipperikolaw ħajjithom iżda dik tal-utenti tat-toroq f'dak il-ħin. Fil-fehma tal-Qorti, l-akkużati messhom applikaw id-disposizzjonijiet tar-Regolamenti Dwar Uffiċjali ta' Infurzar tat-Trasport billi ħadu d-dettalji tal-vettura u rrappurtaw tali infrazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti. Illi in effetti, kemm bil-*car chase* u kemm mingħajrha l-parti leża rċieva ċitazzjoni talli kiser il-limitu tal-veloċità biss! Illi għalhekk huwa evidenti għall-Qorti li l-akkużati ħallew il-passjoni tiġri bihom u telqu jiġru bil-mutur wara tali vettura. Din il-passjoni u tensjoni li kellhom fuqhom imbagħad sabet il-kulminu tagħha meta l-parti leża kien mixħut ma' l-art.

Illi l-Qorti tagħmilha ċara li dan l-aġir da parti ta' kull uffiċjal pubbliku huwa inaċċettabli u intollerabbli. L-Uffiċjali tal-awtoritajiet qegħdin hemm sabiex jgħinu liċ-ċittadini u jaspiraw fiduċja fl-awtoritajiet. Aġir bħal dak odjern mhux biss itellef il-ġieħ lejn l-Awtoritajiet, iżda wkoll iqanqal sens ta' insikurezza fiċ-ċittadini li jkunu qed jassistu għal xeni simili. Illi għalhekk, il-Qorti ma tistax tiskarta s-serjetà tar-reati mwettqa mill-akkużati.

Min-naħa l-oħra, il-Qorti ma tistax tinsa wkoll li l-akkużati kienu qegħdin fuq xogħolhom u li kieku ġiet ħażina, kieku xi ħadd minnhom setà tilef ħajtu. Għalkemm il-perikolu għal ħajjithom ħolquħ huma stess bid-deċiżjoni li ħadu, jibqa' l-fatt li tali deċiżjoni ħaduha

> għax mingħalihom li qed jaqdu dmirhom. Għalhekk, il-Qorti tqis li piena karċerarja f'dawn iċ-ċirkostanzi m'hijiex waħda idonea. Il-piena, madanakollu, xorta għandha tkun waħda li tirrifletti s-serjetà ta' għemil l-akkużati."

Illi r-rapport ta' qabel tingħata s-sentenza huwa intiż sabiex il-Qorti tkun tista' tqis li l-ħati jkun jista' iwettaq ix-xogħol in kwistjoni. Għandu jingħad li din il-Qorti imkien fl-atti proċesswali ma sabet xi forma ta' allużjoni jew xi forma ta' dikjarazzjoni jew ilment rigward il-fatt li l-appellati ma kienux adatti li jagħmlu xogħol taħt dik l-ordni. Lanqas fir-Rikors tal-appell in eżami stess ma jiġi allegat dan. In vista ta' dan, din il-Qorti ma tarax li n-nuqqas tar-rapport f'dan il-każ għandu jkun ta' xkiel għal impożizzjoni ta' xogħol fil-komunita' mingħajr ħlas.

Illi meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad hawn fuq u kif ukoll ta' dak li ngħad aktar qabel u ċioè li din il-Qorti ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi sakemm ma jkunx jirriżulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*" u meħud in konsiderazzjoni wkoll tal-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tal-appellati allura imputati, din il-Qorti hija tal-fehma li tali piena hija relattivament miti. Ma' dan din il-Qorti żżid tgħid li kkunsidrat iċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ u li ġew ben imsemmija fil-parti hawn fuq ċitata mis-sentenza appellata, b'dan illi din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti meta hija kkundannat l-imġieba tal-appellati iżda bħal Ewwel Qorti din il-Qorti ma tqisx li piena ta' priġunerija hija waħda idonea. Biss pero' din il-Qorti tqis li piena ta' servizz fil-komunita' bil-kundizzjoni li jagħmlu xogħol bla ħlas għal mitejn (200) siegħa kull wieħed hija wisq baxxa u din għandha tiġi riveduta għal servizz fil-komunita' bil-kundizzjoni li jagħmlu xogħol bla ħlas għal tliet mija u ħamsin (350) siegħa kull wieħed. Għalhekk l-aggravju in eżami qed jiġi milqugħ *in parte* bil-mod kif appena msemmi.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' *in parte* l-appell imressaq mill-appellant Avukat Ġenerali u tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi:

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn poġġiet lill-appellati taħt Ordni ta' Servizz fil-Komunita' bil-kundizzjoni li jagħmlu xogħol bla ħlas għal mitejn (200) siegħa kull wieħed u minflok tpoġġi lill-appellati taħt Ordni ta' Servizz fil-Komunita' bil-kundizzjoni li jagħmlu xogħol bla ħlas għal tliet mija u ħamsin (350) siegħa kull wieħed f'dak il-post u b'dawk l-arranġamenti li jsiru mid-Direttur tas-Servizzi tal-*Probation* u *Parole* u bil-kundizzjonijiet kollha l-oħra msemmija fid-digriet mogħti kontestwalment ma' din is-sentenza;

- tikkonferma l-bqija tas-sentenza tal-Ewwel Qorti b'dan illi kwalunkwe terminu imsemmi fid-*decide* tas-sentenza appellata jibda jgħaddi mil-lum.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**